# EŻAMIJIET ANNWALI TAL−*JUNIOR LYCEUM* 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjon ta' l-Edukazzjoni

**Ir-Raba' Sena** | **STORJA (ĠENERALI)** | **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ________________

**Sezzjoni A** **Ħares sewwa lejn din l-istampa u wieġeb id-domandi kollha.**




1. Din il-kartolina nħarġet fl-1921, biex tfakkar ġrajja importanti fl-Istorja ta' Malta.
   Liema kienet din il-ġrajja? ______________________________________________
   ______________________________________________________________ (2)

2.1 Min huwa l-persunaġġ indikat bl-ittra A? Agħmel sing taħt ir-risposta t-tajba
   Lord Matthew − Lord Plumer − Sir Walter Norris Congreve (1)

2.2 X'kariga importanti kellu fil-Gżejjer Maltin dak iż-żmien?
   ______________________________________________________________ (1)

2.3 Għaliex kien popolari mal-Maltin?
   ______________________________________________________________ (2)

3.1 Min huwa l-persunaġġ indikat bl-ittra B? Agħmel sing taħt ir-risposta t-tajba.
   Fortunato Mizzi − Gerald Strickland − It−Tabib Filippu Sciberras (1)

3.2 X'inizjattiva importanti ħa fl-1918 − 1919?
   ______________________________________________________________ (2)

3.3 Semmi riżultat marbut ma' din l-inizjattiva?
   ______________________________________________________________ (1)

3.4 Taħt iż-żewġ persunaġġi indikati fil-kantuniera tidher folla miġbura fil-pjazza tal-Palazz (1921) fil-Belt Valletta. Għaliex taħseb inġabret hemm din il-folla?
   ______________________________________________________________ (2)

4. Sentejn qabel fl-istess pjazza kienet inġabret folla oħra marbuta ma' ċirkustanza differenti. Kif baqgħet magħrufa din iċ-ċirkustanza fl-istorja ta' Malta?

____________________________________________________________ (2)

5. Semmi żewġ partiti li kkuntestaw l-elezzjonijiet ta' l-1921.

____________________________________________________________ (2)

(16-il marka)

---

**Sezzjoni B**

6. **Ħares lejn din l-istampa u wieġeb id-domandi kollha.** (15-il marka)



6.1 X'jissejjaħ il-bini li qed tara f'din l-istampa?

____________________________________________________________ (1)

6.2 a) X'għandu partikulari l-armament li jidher f'din l-istampa?

________________________________________________________ (1)

b) F'Malta kien hawn tnejn bħalu. Għid fejn kienu.

________________________________________________________ (2)

c) Għid għaliex tqiegħdu f'dawn il-postijiet.

________________________________________________________ (2)

7.1 X'jissejħu n-nies li qed jidhru f'din l-istampa? ____________________________ (1)

7.2 Kif tinduna min huma? ________________________________________________ (1)

7.3 X'valur għandu dan il-post illum? ______________________________________

____________________________________________________________ (2)

8.1 Minbarra l-postijiet indikati minnek fir-risposta (6.2 b), l-Ingliżi bnew linja ta' difiża fit-Tramuntana Punent ta' Malta. X'kienu jissejħu dawn il-linji?

____________________________________________________________ (1)

8.2 Għaliex issejħu hekk? ________________________________________________ (1)

8.3 Semmi tliet fortizzi marbuta ma' dawn il-linji?

__________________ (1) __________________ (1) __________________ (1)

**Sezzjoni Ċ**

9. **Poġġi dawn l-avvenimenti wara xulxin. L-ewwel wieħed qiegħed jingħata bħala eżempju.**

| | |
|---|---|
| I-Rapport ta' Keenan. | |
| Il-Kan. Pawlu Pullicino maħtur direttur ta'l–iskejjel | |
| L-Edukazzjoni Primarja obbligatorja. | |
| Il-Kummissjoni Rjali (1836) | 1 |
| L-Edukazzjoni Sekondarja għal kulħadd | |
| Il-bini ta' l-Universita 'l-ġdida | |

(1 x 5 marki)

10. **Semmi tliet postijiet f'Malta fejn inbnew djar għall-ħaddiema bejn l-1924 u l-1933.**

____________________ (1) ____________________ (1) ____________________ (1)





11.1 F'dawn iż-żewġ stampi jidhru djar imwaqqgħin. Għid f'liema perjodu ikrah ta' l-istorja ta' Malta sfaw imġarrfa dawn id-djar. ____________________________________________

____________________________________________________________________________ (2)

11.2 Semmi tliet postijiet f'Malta fejn minħabba dan l-avveniment kien hemm ħafna djar imġarrfa.

____________________ (1) ____________________ (1) ____________________ (1)

12.1 X'ġara f'Malta fil-qasam tad-djar meta ntemm il-perjodu ndikat fuq minnek?

____________________________________________________________________________ (1)

12.2 Min ħareġ il-flus għall-bini tagħhom?

____________________________________________________________________________ (1)

13 X'għamlu diversi gvernijiet Maltin fis-snin '60 u '70, biex itaffu l problema tan-nuqqas ta' djar fostna? ____________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (2)

14. **Ħares sewwa lejn din l-istampa u wieġeb id-domandi.**



14.1 X'jissejjaħ il-mezz ta' trasport indikat f'din l-istampa? ____________________ (1)

14.2 Għid għaliex dan il-mezz, kien ta' titjib fuq dawk li kienu diġa jeżistu f'dak iż-żmien.

____________________

____________________ (2)

14.3 Semmi tnejn mir-rotot tiegħu ____________________ (1) ____________________ (1)

15. Fis-seklu dsatax (1800−1899) dawn kienu tnejn mill-mezzi ta' divertiment li kellhom il-Maltin. Agħmel sing taħt ir-risposta t-tajba.

It-tiġrijiet taż-żwiemel fl-Imnarja - Id-discos
Il-Karnival - safra bl-ajruplan (1 x 2 = 2 marki)

(Total = 24 marka)

---

**Sezzjoni D**

16. **Aqra dan il-paragrafu u wara wieġeb id-domandi kollha.**

Il-Maltin li emigraw marru prinċipalment lejn l-Afrika ta' Fuq. Sa tmiem is-seklu XIX, kien hemm madwar 50,000 Malti mxerrdin mal-Mediterran. Attentati biex iħajru lill-Maltin jissetiljaw fil-*West Indies* fallew u ftit kienu dawk li waslu sa l-Amerika ta'Fuq u l-Awstralja.

Wara l-Ewwel Gwerra (1914 − 1918) il-pattern? ta' l-Emigrazzjoni nbidlet, il-Mediterran sar inqas popolari u l-Maltin marru b'numru kbir lejn l-Ingilterra, l-Istati Uniti u l-Awstralja. Dan l-aħħar pajjiż aċċetta numru kbir ta' Maltin wara t-Tieni Gwerra (1939 − 1945)

(*addattat minn Brian Blouet "The Story of Malta")*

16.1 Agħti raġuni waħda għaliex ħafna Maltin emigraw fis-seklu XIX?

____________________ (1)

17. Semmi żewg raġunijiet għaliex fis-seklu XIX, il-Maltin kienu jemigraw prinċipalment lejn pajjiżi fil-Mediterran?____________________ (2)

____________________ (2)

18.1 Semmi wieħed mill-pajjiżi fejn emigraw eluf ta' Maltin wara t-Tieni Gwerra.

____________________ (1)

18.2 Agħti raġuni waħda għaliex marru hemmhekk. ____________________

____________________ (2)

19. Semmi aspett pożittiv ta' l-emigrazzjoni. ____________________

____________________ (2)

20. Semmi aspett negattiv ta' l-emigrazzjoni. ____________________

____________________ (2)

(12 -il marka)

---

**Sezzjoni E**

21. **Aqra sewwa din is-silta u wieġeb id-domandi kollha.**

Il-Ministru tad-Difiża Sandys kien ħabbar l-ikbar riduzzjoni militari ta' l-istorja moderna. L-Ingilterra kienet ser tnaqqas bin-nofs l-eżerċitu tagħha. Minn 697,000 fl-1957 kienet ser niżżlu għal 350,000 ruħ sa l-1962. Malta, li kellha r-reġimenti bit-truppi aċċessorji, artillieri, inġinieri, trasport, sinjali, eċċ., kienet ser tħoss din ir-riduzzjoni. L-Ingilterra kienet ser tiskrappja bosta 'battle ships' u numru kbir ta' bastimenti oħra kbar u żgħar. Dan mhux biss kien ser inaqqas il-flotta f'Malta u jnaqqas in-nies ma' l-Ammiraljat imma, kmieni jew tard, kien ser inaqqas ix-xogħol għad-Dockyard. L-Ingilterra, barra d-'dockyards' ġo pajjiżha, kellha tliet 'dockyards' kbar, ta' Malta, l-ikbar wieħed, ta' Singapore u ta' Hong Kong.

Liema minnhom kien ser jikolha, bdejna nistaqsu. U billi d-Dockyard navali, kif kien igħid tant tajjeb f' "L-Istorja tat-Tarzna" Karmenu Ellul Galea, kien il-fus tar-rota ta' l-ekonomija ta' Malta, kien hawn fil-pajjiż ċerta ansjeta`.

*(minn H.Ganado, Rajt Malta Tinbidel, Vol. 4 p.170)*

21.1 X'konklużjoni tiġbed dwar l-ekonomija ta' Malta, wara li taqra din is-silta?

____________________________________________ (2)

21.2 Xi ħsibijiet kellha l-Ingilterra dwar l-armata u l-flotta tagħha f'nofs is-snin 50 tas-seklu XX?

____________________________________________ (2)

21.3 Għid kif dan kien se jolqot ħażin lil Malta? ________________________

____________________________________________ (2)

21.4 Fis-silta li qrajt jissemma stabiliment partikulari tal-Gvern Ingliż f'Malta.

Għid liema kien. ____________________________________ (1)

21.5 F'liema nħawi ta' Malta kien jinsab? ____________________________

____________________________________________ (2)

21.6 X'kien ifisser għall-ekonomija ta' Malta?

____________________________________________ (2)

21.7 Spjega x'ġara lil dan l-istabbiliment fl-1959.

____________________________________________ (2)

(13 -il marka)

---

22. **Ikteb fit-tul komponiment fuq waħda minn dawn li ġejjin.**

22.1 Fl-1921 ingħata bidu għal proċess twil li, bit-tlugħ u nżul tiegħu, wassal għall-Indipendenza u r-Repubblika. Iddeskrivi.

22.2 L-Edukazzjoni f'pajjiżna għamlet progress kbir bejn l-1850 u l-1974. Iddeskrivi

22.3 Iddeskrivi u kkumpara l-ħajja tal-Maltin ta' qabel it-tieni Gwerra (1940) ma dik ta' wara (1945). Ikkumenta.

22.4 L-istruttura ekonomika preżenti nbniet mill-qiegħ matul l-aħħar 40 sena.

(20 marka)